# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Settembru, 2015**

**Talba Nru: 254/2013/VG**

**Dr. Kelly Dominic FENECH u b'digriet datat 14 ta' Frar, 2014 l-atti gew assunti minn Michaelangelo Fenech, u b'nota datata 19 ta' Frar, 2015 reggha assuma l-atti Dr. Kelly Dominic Fenech**

**Vs**

**Citadel Insurance p.l.c. u b'digriet datat 11 ta' Dicembru, 2013 gie kjamat in kawza d-Direttur Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjieg**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-25 ta' April, 2013** u li permezz taghha talab lis-socjeta intimata thallsu s-somma ta' tlett mija sebgha u sittin euro [€367.00] u dan wara li ppremetta hekk:

> "L-ammont ta tliet mija u sebgha u sittin Euro (€367.00) huwa dovut lill-attur mis-socjeta konvenuta, (i) in kwantu ghas-somma ta' mija u sebgha u sebghin Euro (€177.00), ammont imhallas mill-attur in linea ta' spejjez legali necessitati minhabba r-rifjut tas-socjeta konvenuta li taghti access lill-attur ghad-dokumentazzjoni relattiva fil-pussess taghha biex b'hekk tipprova tipprekludih milli jistabilixxi l-ammont preciz lilu dovut in segwitu ghat-terminazzjoni mill-impjieg tieghu mas-socjeta konvenuta, u (ii) in kwnatu ghall-bilanc mitlub, ammont dovut in linea ta' leave mhux mehud u bonus dovut lill-attur in segwitu ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu mas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi ta' l-ittra legali tat-28 ta' Novembru 2012 u zewg ittri legali ohra tat-8 ta' April 2013 u interessi legali sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta konvenuta li tibqa minn issa ngunta ghas-subizzjoni, u b'rizerva ta' kull dritt ghar-rizarciment ta' danni ulterjuri li jistghu jirrizultaw".

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata** minnha mressqa fl-24 ta' Mejju, 2013 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"It-talba attrici qed tigi respinta u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kollha ghas-segwenti ragunijiet:

a) In kwantu ghas-somma ta' €177 mitluba fl-ewwel parti, peress illi s-socjeta esponenti qatt ma rrifjutat access lill-attur ghal dokumentazzjoni – dejjem kien hemm qbil dwar is-somma ta' €190 tant li jinsabu depositati ghand id-Direttur tax-Xoghol.

b) In linea ma (a) hawn fuq, jinghad illi s-somma reklamata ta' €190 dejjem kellha tithallas tant illi s-somma hija depositata mad-DIER peress illi giet offruta lill-attur, li min naha tieghu, ngustament irrifjutaha";

Ra **r-risposta tad-Direttur tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjieg** minnu mressqa fis-27 ta' Frar, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"It-talba attrici qeda tigi respinta u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi:

(i) In kwantu ghas-somma ta' mija sebgha u sebghin ewro (€177.00) mitlub fl-ewwel parti tat-talba attrici, l-attur qabghat l-assistenza legali minn jeddu u peress illi l-esponent wera d-dokumenti, cioe l-leave slips lill-attur minkejja illi l-istess attur kellu kull opportunita illi jkollu kopja tal-leave slips tieghu;

(ii) Ic-cheque fl-ammont ta' mija u disghin ewro (€190.00) rapprezentanti bilanc ta' vacation leave u bonus mibghut mis-socjeta intimata (Citadel Insurance p.lc.) u li kien ddepozitat ma l-esponent bhala hlas 'in full and final settlement', gie rrifjutat ingustament mill-attur minkejja diversi tentattivi da parti ta' l-esponent biex jghaddi l-imsemmi cheque lill-attur.

Bl-ispejjez";

Ra l-verbal tal-24 ta' Gunju, 2015 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti, inkluż id-dokumentazzjoni esebita;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob minghand l-intimat il-hlas tas-somma ta' €367 rapprezentanti din is-somma:

   (i) mija u sebgha u sebghin Euro (€177.00), ammont imhallas mir-rikorrenti in linea ta' spejjez legali necessitati minhabba r-rifjut tas-socjeta intimata li taghti access lir-rikorrenti ghad-dokumentazzjoni relattiva fil-pussess taghha biex b'hekk tipprova tipprekludih milli jistabilixxi l-ammont preciz lilu dovut in segwitu ghat-terminazzjoni mill-impjieg tieghu mas-socjeta intimata, u

   (ii) €190 dovut in linea ta' leave mhux mehud u bonus dovut lir-rikorrenti in segwitu ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu mas-socjeta intimata.

   Is-socjeta intimata laghet ghat-talbiet tar-rikorrenti billi qalet li hija ma ghandhiex thallas l-ammont ta' €177 reklamati mir-rikorrenti bhala spejjez legali peress li hi qatt ma rrifjutat li taghti access lir-rikorrenti ghad-dokumentazzjoni mitluba. Ziedet tghid li ghar-rigward ta' l-ammont ta' €190 dovut ghal leave mhux mehud u bonus reklamat mir-rikorrenti kien hemm qbil li dawn kienu dovuti lir-rikorrenti izda huwa kien qieghed jirrifjuta li jiehu dan l-ammont u ghalhekk kellha tiddepositah mad-Direttur tax-Xoghol.

   Id-Direttur tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjieg kjamat fil-kawza sahaq li ghar-rigward tas-somma ta' €177 huwa ma ghandu jahti xejn l-ghaliex l-ghliex ir-rikorrenti qabbad l-assistenza legali minn jeddu, li huwa kien wera' din id-dokumentazzjoni lir-rikorrenti u li r-rikorrenti kellu kull opportunita li jkollu kopja tal-leave slips tieghu. Qal ukoll li ghar-rigward ta' l-ammont ta' €190 dovut ghal leave mhux mehud u bonus reklamat mir-rikorrenti, dan l-ammont kien intbaghat lilu mis-socjeta intimata bhala hlas a saldu sabiex jghaddih lil istess rikorrenti, izda huwa rrifjutat ingustament li jirtirah minghandu.

   Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti kien jahdem mas-socjeta intimata. Fit-28 ta' April, 2012 huwa issottometta l-ittra ta' rizenja tieghu minn ma l-istess socjeta intimata u infurmaha li kien qieghed jittermina l-impjieg tieghu b'mod immedjat. Noel Schembri, *Human Resources u Administration Manager* mas-socjeta intimata stqarr li meta telaq ir-rikorrenti, s-socjeta intimata ma kienitx ghadha hadmet l-affarijiet u dan fis-sens li skond hi, peress li r-rikorrenti ma kienx hadem in-notice period, huwa kellhu jaghtiha u da parti taghha hija kellha taghtih tal-vacation leave li huwa ma kienx ha. Dak ix-xahar stess u cioe f'April, 2012 "*meta ahna ghamilna l-konteggi taghna kien irrizulta li Dr Fenech kellu jtina imma min naha taghna iddecidejna li ma nitolbuhomlux*" (fol. 10). Fis-7 ta' Settembru, 2012 imbaghad kien cempel Noel Cachia mid-Dipartiment kjamat fil-kawza fejn infurmah li r-rikorrenti kien qieghed jippretendi l-hlas ta' hmistax (15)-il gurnata *leave* minghand is-socjeta intimata. Din kienet l-ewwel darba, kompla jghid ix-xhud Schembri, li s-socjeta intimata saret taf li r-rikorrenti kellu xi pretensjonijiet fil-konfront taghha. Fit-2 ta'

Ottubru, 2012 sar inkontru bejn is-socjeta intimata u d-Direttur kjamat fil-kawza. Prezenti kien hemm ukoll r-rikorrenti li kien assistit minn avukat. Dak-in-nhar li ltaqaw fid-Dipartiment, kompla jghid ir-rapprezentant tas-socjeta intimata, r-rikorrenti kien allega li huwa kellu jiehu 15-il gurnata *leave* u li qatt ma kien inghata kopja tad-dokumentazzjoni dwar il-*leave*. Huwa fil-fatt baghat din id-dokumentazzjoni lid-Direttur kjamat fil-kawza xi tlett ijiem wara din il-laqgha. Qal li skond il-kalkoli taghhom, ir-rikorrenti kellu "*8.42 hours outstanding balance li maghhom ahna zidna il-pagament tal-June bonus u tas-September bonus u kien ghalhekk li l-ammont tela ghal 192.75*" (fol. 10). Ir-rapprezentant tas-socjeta intimata stqarr li r-rikorrenti ma kienx korrett meta huwa talab li jithallas ta' 15-il gurnata *leave* u dan peress li dan kien *leave* mis-snin ta' qabel u li skond il-kuntratt ta' impjieg tieghu dan ma kienx jintiret min sena ghall-ohra. Qal ukoll li r-rikorrenti kien qieghed jikkalkula l-bilanc tal-leave sa' l-ahhar tas-sena 2012. Dak-in-nhar tat-2 ta' Ottubru, 2012, ir-rikorrenti talab kopja tal-*leave* li hu kien ha, liema dokumentazzjoni pero intbaghtet lid-Direttur kjamat fil-kawza. Noel Schembri qal li huwa ma kien ta l-ebda struzzjonijiet lid-Dipartiment kjamat dwar id-dokumentazzjoni li kien ghaddielhom tlett ijiem wara l-laqgha li kienet saret fid-Dipartiment tieghu. Qal ukoll li huwa ma kellu l-ebda problema biex ir-rikorrenti jara din id-dokumentazzjoni. Ghar-rigward tad-dokumentazzjoni mitluba mir-rikorrenti, r-rapprezentant tas-socjeta intimata qal li suppost r-rikorrenti kellu kopja l-ghaliex huwa kien jinghata din il-formola bil-kelma *approved* fuqha. Sussegwentement, kompla jghid dan ix-xhud, is-socjeta intimata kienet ghaddiet cekk fl-ammont ta' €192.95 sabiex dan jinghata lir-rikorrenti u kien sar appuntament biex dan ic-cekk jinghata lilu. Qal li r-rikorrenti spicca ma gabarx dan ic-cekk l-ghaliex huwa ma riedx jiffirma l-kuntratt li huwa kien johrog u cioe li l-hlas kien a saldu tal-pretensjonijiet kollha tieghu.

3. Fi Frar 2013 id-Dipartiment tad-Direttur kjamat fil-kawza reggha cempel lis-socjeta intimata u nfurmaha li kien ikun ahjar kieku din ta' l-ahhar tohrog cekk fl-ammont ikkalkulat minnu. Hekk ghamlet is-socjeta intimata u baghtet dan ic-cekk dak ix-xahar stess. Imbaghad fit-22 ta' Marzu, 2013 saret laqgha fid-Dipartiment sabiex ikun jista jinghata dan ic-cekk lir-rikorrenti. Dak-in-nhar ukoll kellu jigi ffirmat kuntratt standard tad-Dipartiment izda r-rikorrenti ma riedx jiffirma dan il-kuntratt peress li huwa ma kienx qieghed jaqbel li l-hlas kien qieghed isir a saldu. Peress li dan il-kuntratt baqa qatt ma gie ffirmat mir-rikorrenti, d-Direttur kjamat baghat lura c-cekk li kien baqa ghandu lis-socjeta intimata fl-1 ta' Lulju, 2013.

4. Emanuel Cachia, *senior inspector* mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali qal li r-rikorrenti kien mar ghandhom u dawn ikkalkulawlu l-ammont dovut lilu mis-socjeta intimata ghall-perjodu 1 ta' Jannar, 2012 u s-27 ta' April, 2012. Skond il-kalkoli li ghamel, ir-rikorrenti kellhu jircievi s-somma ta' €162.63 minghand is-socjeta intimata. Huwa kien ikkomunika mas-socjeta intimata u ltaqaw. Kien talab l-applikazzjonijiet tal-*leave* min naha tal-kumpanija li kienet baghtitlu l-istess permezz ta' email datata 3 ta' Ottubru, 2012. Sussegwentement, ir-rikorrenti kien mar ma' l-avukat tieghu fid-Dipartiment fejn kien gie mitlub il-workings u kemm kemm kellhu jiehu r-rikorrenti. Fil-5 ta' Novembru, 2012 huwa kien ircieva ittra minghand il-konsulent legali tar-rikorrenti, li rrisponda ghaliha dak-in-nhar stess. Kompla jghid li l-problema inqalghet peress li r-

rikorrenti ma kienx zamm kopja tad-dokumentazzjoni relatata mal-*leave*. Ix-xhud qal li huwa kien baghat lista tal-*leave* li kien ha r-rikorrenti a bazi tad-dokumentazzjoni li kienet intbaghtet lilu mis-socjeta intimata. Stqarr li r-rikorrenti "*kien talabni ukoll li jara dawn l-application ghal vacation leave izda bhala prassi d-dipartiment taghna d-dokumenti li jkun ghaddielna l-employer ma nghadduhomx lil employee u vici versa*" (fol. 13). Qal li huwa ma kienx urieh din id-dokumentazzjoni wara li kien ha parir f'dan is-sens mill-ufficju legali tad-Dipartiment. Zied ighid li huwa kien ghamel l-istess haga bid-dokumentazzjoni li kien ghadda r-rikorrenti lilu u cioe ma kienx ghaddiehom lis-socjeta intimata. Qal ukoll li "*jien jidhirli li dwar dawn id-dokumenti ma kienx hemm oggezzjoni min-naha tal-kumpanija li Dr Fenech jarahom. Nghid li min-naha tad-Dipartiment pero xorta wahda dawn id-dokumenti ma urihomx lil Dr Fenech fuq parir tal-legal office tad-Dipartiment taghna stess*" (fol. 13). Eventwalment, r-rikorrenti spicca jara dawn id-dokumenti u dan peress li huwa baqa jinsisti li jarahom u wara li kellu l-awtorizzazzjoni da parti tal-legal office tad-Dipartiment. Ix-xhud qal ukoll li s-socjeta intimata kienet baghtet cekk lid-Direttur kjamat f'ammont iktar minn dak li huwa kienu hadmu. Huwa cemplilhom biex jinfurmahom b'dan izda huma insistew li skond l-ammont mahdum minnhom, dan kien l-ammont dovut lir-rikorrenti. Qal ukoll li r-rikorrenti ried jara r-*records* tal-*leave* tieghu biex ikun f'posizzjoni li jaccetta dan l-ammont ta' €192. Stqarr ukoll li fil-laqgha li kienet saret fit-22 ta' Marzu 2013 ir-rikorrenti ma kienx ha c-cekk tas-socjeta intimata izda d-dokumenti li kienet baghtet is-socjeta intimata f'Ottubru, 2012 kien rahom dak-in-nhar. Dak-in-nhar ta' din il-laqgha ma intlhaqx ftehim u dan peress li r-rikorrenti ried ibiddel xi partijiet mill-ftehim li d-Dipartiment tax-Xoghol ried lir-rikorrenti jiffirma u minkejja li d-Dipartiment accetta li jkun hemm tibdil, xorta wahda baqa ma ntlahaqx ftehim. Fix-xhieda tieghu moghtija fit-3ta' Lulju, 2014, huwa ikkonferma "*illi hija prassi tad-Dipartiment illi lil impjegat ma jurihx id-dokumenti li jkun inghata minghand l-employer u vici versa jigifieri l-employer ma jurihx id-dokumenti li jkun tana l-impjegat*" (fol. 90). Zied ighid li "*peress illi f'din il-kawza Dr Kelly Fenech kien baqa jinsisti biex jara dawn id-dokumenti konna staqsejna lid-Direttur Dr Noel Vella u dan kien approva illi nuruh id-dokumenti li kienu ghaddewlna Citadel. Naqbel illi ghaddew ftit xhur mill-ewwel darba li talabna d-dokumenti sakemm effettivament rahhom*" (fol. 90). Sussegwentement huma kienu wrewh dawn id-dokumenti. Meta imbaghad ir-rikorrenti kien ra d-dokumentazzjoni, huwa kien qabel ma l-ammont offrut mis-socjeta intimata. Qabel din id-data, kompla jghid ir-rapprezentant, ir-rikorrenti ma kienx qieghed jaccetta s-somma offruta mis-socjeta intimata. In kontro-ezami, x-xhud qal li wara li d-Dipartiment kien ircieva l-ittra minghand id-difensur tar-rikorrenti biex dan ta' l-ahhar ikun jista jara d-dokumenti, d-Dipartiment biddel il-policy taghhom li ma jurux dokumenti lill-impjegati li jkunu intbaghtu lilu mid-datur tax-xoghol u vici versa. Qal li "*kienu l-legal office li qaluli biex ma nurihomlux. Meta mbaghad morna ghand id-direttur qalli urihomlu*" (fol. 121). Qabel ukoll ma dak suggerit lilu li "*... r-rikorrenti seta jaqbel mal-ammont li kien intbaghat mis-socjeta intimata lid-Dipartiment kjamat fil-kawza wara li kien ra d-dokumentazzjoni*" (fol. 121).

5. Ir-rikorrenti qal li s-socjeta intimata, ghalkemm taghtu t-*termination certificate* u l-*payslip* ta' April, 2012, hija ma rieditx tirrilaxxja d-dokumenti relattivi sabiex ikun jista jahdem "*il-bilanc ta' granet leave li ghalihom kont intitolat nithallas u ma offrew li*

*jhallsuni xejn. Anzi infurmawni li ma kellhom jghatuni xejn*" (fol. 24). F'Novembru, 2012 huwa kien talab l-assistenza tal-Labour Office u dan peress li sa dak-in-nhar is-socjeta intimata kienet ghadha ma baghtitlu xejn. Ir-rapprezentant tad-Dipartiment tax-Xoghol kien qallu li s-socjeta intimata kienet qeghda isostni li kien ir-rikorrenti li kellhu jaghtiha l-flus u mhux bil-maqlub u li ma riedux jaghtu l-payslips kollha sabiex tkun tista tinhadem is-somma dovuta skond il-ligi lir-rikorrenti. Dan ir-rapprezentant issugerixxa li ssir laqgha mas-socjeta intimata u kien f'dan il-waqt li r-rikorrenti qal li kien kostrett li jinkariga avukat sabiex ikun jista jassistih ghal din il-laqgha. Minkejja li saret din il-laqgha, id-dokumentazzjoni xorta wahda baqghet ma inghatax u allura ma seta jsir xejn. Kull ma kien hemm qbil kien li r-rikorrenti ma kienx debitur tas-socjeta intimata izda kien kreditur. Ftit granet wara saret laqgha ohra, f'liema laqgha, kompla jghid ir-rikorrenti, is-socjeta intimata offrietlu €160. Qal li "... *ghalkemm kienu taw xi access ghad-dokumenti lill-Labour Office, lili ma riedu juruni b'xejn, u l-Labour Office allegaw li Citadel ma kienux awtorizzawhom jaghtuni l-access ghad-dokumenti*" (fol. 24). Kien minhabba f'hekk, kompla jghid ir-rikorrenti li huwa ma setax jaccetta l-offerta maghmula mis-socjeta intimata u dan peress li ma setax jivverifika l-konteggi huwa stess. L-avukati tieghu kietbu lid-Dipartiment minhabba dan l-impasse. Fit-8 ta' Jannar, 2013 id-Dipartiment tax-Xoghol kien infurmah permezz ta' ittra li huma ma kienux ser jaghtuh access ghad-dokumentazzjoni li huwa kien ircieva minghand is-socjeta intimata. Fl-4 ta' Marzu, 2013 ir-rikorrenti reggha kiteb lid-Dipartiment tax-Xoghol u b'risposta huwa rcieva telefonata fejn infurmatu li s-socjeta intimata kienet ziedet l-offerta taghha ghas-somma ta' €190 u li meta ried seta jmur ghac-cekk u li l-kaz, da parti tad-Dipartiment kien maghluq. Sussegwentement, u wara l-intervent ta' missieru, r-rikorrenti ghamel appuntament mad-Dipartiment tax-Xoghol sabiex jkun jista jara d-dokumentazzjoni. Hekk ghamel fit-22 ta' Marzu, 2013 u kien f'din id-data li huwa ra d-dokumentazzjoni mibghuta mis-socjeta intimata lid-Dipartiment tax-Xoghol. F'din il-laqgha, d-Dipartiment insista li r-rikorrenti jiffirma karta li l-hlas li kien qieghed jircievi kien ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tieghu. Ir-rikorrenti qal li "*jiena spjegajt illi sa dak inhar kont diga inkorrejt spejjes ta' Avukati li jammontaw ghal kwazi l-ammont dovut ghall-leave u bonus u insistejt li nirrilaxxja ricevuta ghas-saldu tal-leave u bonus biss u mhux ghad-danni u spejjes ohra li sofrejt biex wasalt s'hemm*" (fol. 26). Huwa qal li kien ghalhekk li ma hax ic-cekk u li kellu jipprocedi b'din il-kawza. Qal li bhala spejjez legali huwa hallas is-somma ta' €177 lid-ditta Frendo Montebello u esebixxa r-ricevuta relattiva ghal dan il-hlas.

6. Michael Fenech, il-kugin tar-rikorrenti qal li huwa kien akkumpanjah ghal laqgha tat-22 ta' Marzu, 2013. Huwa qal li wara li r-rikorrenti kien ra d-dokumentazzjoni huwa kien qabel ma' l-ammont li kienet issuggerriet is-socjeta intimata izda huwa ma kienx qieghed jaqbel li jiffirma ricevuta a saldu tal-pretensjonijiet tieghu kollha fil-konfront tas-socjeta intimata u dan peress li kuginuh kien spjega kemm-il darba lir-rapprezentanti tad-Dipartiment tax-Xoghol u lir-rapprezentant tas-socjeta intimata li huwa kien ghamel spejjez legali sabiex ikun jista jara d-dokumentazzjoni li kienet intweriet lilu f'dik il-laqgha. Fil-fatt, id-Dipartiment ma riedx ibbedel l-ircevuta fis-sens li r-rikorrenti jkun jista jirtira l-flus depositati mieghu izda b'riserva li jfittex lis-socjeta intimata minhabba l-

ispejjez li ghamel u minhabba f'hekk ukoll, ir-rapprezentant tas-socjeta intimata qal lid-Dipartiment sabiex ma jigiex rilaxxat dan ic-cekk.

7. Romina Veneziani, Asistent Direttur mad-Dipartiment tax-Xoghol qalet li hija kienet involviet ruhha f'dan il-kaz fit-18 ta' Marzu, 2013 u li kienet prezenti ghal laqgha li kienet saret ftit tal-granet wara u cioe fit-22 ta' Marzu, 2013. Hija qablet ma dak li qal ir-rikorrenti ghar-rigward tal-fatt li huwa ma setax jiffirma r-ricevuta a saldu tal-pretensjonijiet tieghu izda ried li jiffirmaha b'mod kondizzjonat u b'riserva ghad-dritt tieghu li jfittex ghall-ispejjez legali inkorsi minnu. Hija qalet li kien id-Dipartiment stess li qal lir-rikorrenti li huwa ma setax jaccetta li r-ricevuta ma tkunx iffirmata a saldu tal-pretensjonijiet kollha.

Ikkunsidra ulterjorment;

8. Stante li hemm qbil bejn il-partijiet li r-rikorrenti haqqu jiehu l-ammont ta' €190 rapprezentanti bilanc ta' *vacation leave* u *bonus* mis-socjeta intimata, t-Tribunal mhux ser jidhol f'din il-kwistjoni. L-uniku kwistjoni li hemm bejn il-kontendenti huwa dwar il-hlas ta' l-ammont ta' €177, ammont imhallas mir-rikorrenti in linea ta' spejjez legali necessitati minhabba r-rifjut tas-socjeta intimata li taghti access lir-rikorrenti ghad-dokumentazzjoni relattiva fil-pussess taghha biex b'hekk tipprova tipprekludih milli jistabilixxi l-ammont preciz lilu dovut in segwitu ghat-terminazzjoni mill-impjieg tieghu mas-socjeta intimata. It-Tribunal irid jara ukoll jekk d-Direttur kjamat fil-kawza ghandux jahti ghal dawn l-ispejjez inkorsi mir-rikorrenti.

9. Il-vertenza ma ghandhiex tiehu hafna biex tigi risolta. Ir-rikorrenti kien talab lis-socjeta rikorrenti l-informazzjoni mehtiega sabiex huwa jkun jista jasal ghal ammont ta' kemm ghandu jiehu minghand is-socjeta intimata ghal-*leave* dovut lilu skond il-ligi. Gara li ma ntlahaqx qbil bejn ir-rikorrenti u s-socjeta intimata u kien ghalhekk li r-rikorrenti mar id-Dipartiment tax-Xoghol sabiex huma jintervjenu ghalih mad-datur tax-xoghol tieghu. Gara li d-Direttur kjamat fil-kawza, tramite r-rapprezentanti tieghu talab id-dokumentazzjoni necessarja minghand is-socjeta intimata u din baghtithom lilu pero mhux lir-rikorrenti. Meta r-rikorrenti staqsa lid-Direttur kjamat fil-kawza ghal kopja ta' din id-dokumentazzjoni, huwa gie rinfaccjat b'rifjut u dan peress li "*d-Dipartiment ma jistax jaghti access lill-klijent tieghek ghad-dokumenti mitluba minnek stante illi dawn jiffurmaw parti mill-investigazzjoni li d-Dipartiment qed jaghmel wara illi rcieva l-ilment mill-klijent tieghek rigward hlas ta' vacation leave*[1]" (fol. 35). Wara insistenza tar-rikorrenti mal-kjamat fil-kawza tramite korrispondenza mill-konsulenti legali tieghu, d-Dipartiment biddel il-*policy* tieghu u fil-fatt wera dawn id-dokumenti lir-rikorrenti. Fil-fehma tat-Tribunal, ma kienx jaghmel sens li d-Dipartiment ma kienx qieghed juri d-dokumentazzjoni koncernanti l-impjegat li huma kienu qeghdin jiktbu ghalih. Kien ghalhekk li meta d-Dipartiment ma riedx juri din

[1] Ara ittra mibghuta mill-Avukat Lynn Spiteri Dalmas datata 8 ta' Jannar, 2013 ghan-nom tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (fol. 35).

id-dokumentazzjoni lir-rikorrenti huwa kien kostrett jqabbad avukat u dan sabiex ikun jista jikkawtela d-drittijiet tieghu. Da parti taghha, s-socjeta intimata setghet ukoll taghti kopja ta' din id-dokumentazzjoni lir-rikorrenti u flok ma l-kaz dam ikaxxkar ghal dan iz-zmien kollu, l-kwistjoni kienet tigi, kif jghidu bl-ingliz, *nipped in the bud*. Ghalhekk, it-Tribunal sejjer isib lis-socjeta intimata in parti (terz) responsabbli ghad-danni subiti mir-rikorrenti ukoll flimkien mad-Direttur kjamat fil-kawza (zewg terzi).

10. Ir-rikorrenti jghid li huwa hallas is-somma ta' €177 bhala spejjez legali, liema ammont huwa kkonfermat bil-kopja tar-ricevuta fiskali li tinsab esebita a fol. 44 tal-process.

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimati in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak li inghad hawn fuq, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti fl-intier taghha u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tliet mija u sebgha u sittin Euro (€367). Is-socjeta intimata Citadel Insurance p.lc. ghandha thallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija u disghin euro (€190) flimkien ma l-imghaxijiet skond il-ligi fuq dan l-ammont mis-27 ta' April, 2012 sad-data tal-hlas effettiv, kif ukoll is-somma ta' disgha u hamsin euro (€59) bhala danni subiti mir-rikorrenti kif fuq inghad, filwaqt li l-kjamat fil-kawza d-Direttur Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjieg ghandu jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija u tmintax-il euro (€118) bhala danni subiti mir-rikorrenti kif fuq inghad.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-intimati, in solidum, bejniethom.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**